**17 ta' *Jannar*, 1967**

**Imħallef:**

**Onor. M. *Caruana* Curran, B.A., LL.D.**

Roger Camilleri

*versus*

Henry Ciprott

**Danni — Kolliżjoni — Ħsara — Responsabiltà għall- — Negliġenza — Wrong Side.**

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u meħudin il-provvedimenti opportuni; peress li mħabba imprudenza, negliġenza u innosservanza tar-regolament da parti tal-konvenut, li fit-12 ta' Ottubru, 1962, waqt li kien isuq bus 232 laqat il-karrozza tal-konvenut numru 30902, misjuqa minn George Camilleri u ikkaġonalu ħsara fiha — talab li l-konvenut għar-raġunijiet premessi u dawk li jirriżultaw (1) jiġi dikjarat responsabbli tad-danni sofferti mill-attur fil-karrozza tiegħu u għal kull dannu ieħor konsegwent għall-kolliżjoni fuq indikata u konsegwentement (2) jiġi kundannat iħallas lill-attur għal danni s-somma li tiġi likwidata min din il-Qorti, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi, bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali;

Omissis

Ikkunsidrat;

Illi, bħal fil-każijiet kollha simili, tnejn huwa il-kwistjonijiet għad-deċiżjoni: (1) jekk il-konvenut huwiex, għal kol-

lox jew in parti, responsabbli għall-kolliżjoni li, kif huwa paċifiku, saret bejn l-autobus "private" Nru. 232 misjuqa minnu, u l-Fiat 1100, Numru 30902, misjuqa minn George Camilleri bin l-attur, fid-data msemmija fiċ-ċitazzjoni, fit-triq il-Marsa lil hemm miċ-ċimiteru tat-Torok u qisu biswit il-fabbrika tal-Edible Oil Company; u (2) f'każ affermattiv f'liema ammont huma likwidabbli d-danni.

Illi dwar l-ewwel kwistjoni l-Qorti mill-kompless kollu tal-provi u tal-argumenti miġjuba taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit li l-ħtija għall-kolliżjoni għandha tiġi attribwita prinċipalment lill-konvenut peress li dan mar jaqbeż van meta l-Fiat misjuqa minn bin l-attur kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, ikkalkola l-manuvra tiegħu ħażin, ġie "wrong side" u qabel ma laħaq reġa' daħal fis-side tiegħu irrokka mal-Fiat li, sadanittant, billi qabel kienet qegħda tiġi misjuqa bi "speed" moderat, laħqet kważi ġiet imwaqqfa għal kollox quddiem il-bieb tal-fabbrika fuq imsemmija (punt Q minn fl-isketch tal-lokalità tal-kolliżjoni magħmul mill-perit). Id-daqqa, kif deskritta minn bin l-attur, ma kinetx "head on" imma rassa mill-ġenb li ċartet il-bieba u l-mudguard tal-karrozza ż-żgħira.

Illi, fuq din il-kwistjoni, kif tajjeb irrileva l-perit biex il-fatti setgħu ġraw bħal ma xehed il-konvenut, ċioè li meta mar jaqbeż il-van il-karrozza tal-attur ġiet fuqu ħabta u sabta mingħajr ma tagħtu opportunità jerġa' jieħu s-side tiegħu, biex ikun hemm bżonn li dik il-karrozza tinsaq b'veloċità almenu tlett darbiet u nofs dik tal-private bus, ċioè dik ta' 70 m.p.h. imma veloċità ta' din il-qawwa da parti tal-karrozza tal-attur ma ġietx sostnuta bi provi, u għalhekk biex iż-żewġ vetturi ħabtu fil-punt allegat mill-konvenut — u wisq iżjed jekk ħabtu fil-punt E allegat minn George Camilleri — bilfors li meta l-konvenut iddeċida li jagħmel s-surpass tal-van il- karrozza tal-attur kienet ferm iktar viċina. Għalhekk il-konvenut ikkalkola ħażin l-intervall ta żmien li huwa kellu biex jaqbeż il-van qa-

bel ma tilħaq fuqu l-karrozza tal-attur u konsegwentement ingombra bil-bus tiegħu l-ispazju minn fejn George Camilleri kien intitolat jgħaddi. Dina ċ-ċirkostanza tikkonstitwixxi waħda mill-aqwa ħtijiet tal-kolliżjonijiet stradali, ċioè "Wrong side" u bħala "colpa" tirrendi lill-konvenut prinċipalment responsabbli ta' dak li ġara bil-ħabta.

Illi, il-perit irrelata wkoll li fix-xhieda tiegħu waqt l-aċċess George Camilleri iddikjara li fil-mument tal-ħabta n-nearside tal-karrozza tiegħu kienet xi 6 piedi 'l barra minn malħajt tan-naħa tiegħu. Il-Qorti taqbel mal-opinjoni tal-perit dan juri li, għalkemm meta ra l-bus tal-konvenut qegħda tissorpassa George Camilleri ġibed ftit aktar fuq in-naħa tiegħu, fil-fatt hu seta' u imissu għafas iktar mal-ħajt fuq ix-xellug tiegħu, u għalhekk hu wkoll ikkontribwixxa f'ċerta miżura għall-inċident.

Illi l-perit wasal għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-bus il-ħtija għandha tiġi ripartita fi tlett kwarti (¾) għall-konvenut u kwart (¼) għall-attur, grad ta' kontribuzzjoni li, fiċ-ċirkostanzi pruvati skond ma ntqal fuq il-Qorti taqbel pjenament miegħu.

Ikkunsidrat fuq il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni.

Illi l-attur, kif din il-kawża qegħdin naraw id-danni tiegħu biss, qiegħed jippretendi danni ammontanti għal £78.10s. kif spjegati fid-dokument a fol. 5, u li huma mqassmin kwantu għal £60.10s danni emerġenti u £18 "lucrum cessans".

Il-perit irrakkomanda li d-danni emerġenti għandu jiġi limitat għal £34.6.0. peress li deherlu li mis-somma ta' £40.10 għat-tiswija tal-body kellu jammetti biss tlett kwinti (3/5) u mill-£20 ta' l-"ispray" kellu jammetti biss in-nofs. Għall-ewwel riduzzjoni huwa adduċa r-raġuni li mix-xhieda ta' George

Camilleri l-ħsara kellha tkun ċirkoskritta għaż-żona tal-bieba u mudguard ta' wara tan-naħa tal-lemin, għax deherlu li l-prova prodotta mill-attur permezz ta' ibnu ma kienetx speċifika biżżejjed għal kumplament tal-ħsara. Imma l-Qorti jidhrilha li l-attur ġieb prova suffiċjenti sewwieha għand ċertu Francis Chetcuti, r-Raħal il-Ġdid, u l-kont tela' £78.10 fi kliem ieħor dan ix-xhud ikkonferma bil-ġurament li l-ħsara kienet skond id-dokument a fol. 5 u li dan il-kont tħallas, mentri li l-konvenut, li offra kontroeżami tax-xhud fuq il-kwistjoni tar-responsabbilità ma qanqal ebda kwistjoni fuq l-entità tad-danni, jew fuq l-eżatezza jew ir-reġjonevolezza tal-kont, u l-Qorti għandha tiddeċidi "ixta probata et allegata", u m'għandhiex tissolleva dubji b'ebda mod aċċennata mill-parti interessata biex talvolta taqlagħhom. L-istess għandu jingħad dwar l-£20 ta' li "spraying", apparti mil-fatt li min imkien ma rriżulta li l-£20 kien għal "spray" ta' karrozza sħiħa. Dak li irriżulta huwa li l-uniku xhud (George Camilleri) qal bil-ġurament li l-kont tal-ħsara tela' (kompriż it-£18 għal kiri ta' karrozza oħra) għal £78.10 u din hija prova li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe kontestazzjoni min-naħa tal-konvenut, għandha tiġi ikkunsidrata suffiċjenti in materja ta' danni ċivili.

Kwantu għal somma ta' £18 indikata fil-prospett fol. 5 bħala l-ispiża nkorsa mill-attur "for hire of care to perform normal trade duties, 12 days x £1.10.0. per day", il-perit ma sab xejn x'jgħid la kontra r-rata "per diem" u lanqas kontra ż-żmien ta' tnax-il ġurnata li fih, presumibilment, il-karrozza tal-attur kienet qegħda għand Chetcuti biex tissewwa. Huwa deherlu biss li l-approvazzjoni ta' dan il-kap tad-danni kellha tkun soġġetta għal prova li l-attur "kellu assolutament bżonn għax-xogħol tiegħu li jikri karrozza oħra minflok dik danneġġjata". Il-Qorti fl-ewwel lok, bir-rispett, jidhrilha li għandha tosserva li l-periti ġudizzjarji, f'każijiet bħal dawn, jinħatru preċiżament biex jagħmlu l-indaġnijiet simili okkorrenti għall-istruzzjoni sewwa u kompita tal-każ, u mhux biex iħalluhom

*għal Qorti,* *speċjalment* meta *l-indaġini in* *kwistjoni tkun* speċifikatament jew b'riferenza neċessarja koperta mit-termini tad-digriet tan-nomina, bħal ma hi f'dan il-każ. Kwindi kieku kien jonqos xi mistoqsijiet lix-xhud tal-attur f'dan ir-rigward, il-perit kellu id-dritt anzi, id-dover, li jagħmilha, mhux iħalliha għall-Qorti. Iżda apparti min dan, il-Qorti ma tistax taqbel mal-perit li, f'dan il-każ hemm bżonn xi prova oħra barra minn *dik li ġa* saret permezz tax-xhieda *ta' bin l-attur, ċioè li* l-attur ħallas il-kont kollu a fol. 5 u li dan jikkomprendi s-somma ta' £18 erogata mill-attur għar-raġuni fuq imsemmija. Il-prinċipju *in materja ta' danni huma dak tar-restituzzjoni "in* integrum", *iġifieri li* dak li jiġi danneġġjat fil-proprjetà jew fil-persuna tiegħu għandu jiġi mqiegħed, sa fejn possibili, fil-pożizzjoni li jkun fiha kieku d-dannu ma sarx, u l-Qorti li, ta' fehma li fid-dinja moderna tal-lum, fejn il-karrozzi m'għandhomx lussu imma saru neċessità, fejn il-ħtieġa tal-moviment minn post għall-ieħor tista' tinqala' minn mument għall-ieħor matul il-ġurnata, speċjalment għal min għandu xi professjoni jew negozju, kull min hu proprjetarju ta' karrozza, u għandu l-godiment ġiornalier tagħha, jekk jiġi privat mill-użu tagħha minħabba l-att ta' ħaddieħor, dolus jew kolpus, għandu ikun, a spejjeż tal-awtur tad-dannu, imqiegħed fil-godiment *ta'* karrozza oħra mingħajr xkiel jew dewmien. Fi kliem oħra anke jekk ma jużax il-karrozza kuljum hu għandu dritt li jkollu karrozza oħra disponibili, u għas-servizz tiegħu *matul il-mumenti* kollha tal-ġurnata, bal ma jkollu normalment. Altrimenti huwa qiegħed jiġi penalizzat inġustament. Għaldaqstant l-attur għandu dritt jirriklama anke dan il-"lucrum cessans" ta' £18, dejjem soġġett għal kwistjoni tan-negliġenza kontributorja fuq imsemmija.

Illi għalhekk billi d-danni totali sofferti mill-attur, tant bħala "dannum emerġens" kemm bħala "lucrum cessans" jammontaw għal £78.10 skond il-grad ta' ripartizzjoni bil-ħtija fuq ukoll stabilit, isegwi li l-attur għandu jieħu mingħand il-

konvenut tlett kwarti (¾) ta' £78.10s. ċioè £58.7.6d. salvo d-drittijiet tal-konvenut għal kwart (¼) tad-danni riportati minnu stess.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, wara li takkolji u tagħmel tagħha sa fejn konsistenti mal-prezz ir-relazzjoni peritali, tilqa' t-talbiet tal-attur iżda in kwantu għal l-ewwel domanda tiddikjara li għalkemm il-konvenut huwa prinċipalment responsabbli, ċioè fil-proporzjoni ta' tlett kwarti (¾) għall-kolliżjoni, l-attur stess ikkontribwixxa għal dik il-kolliżjoni fil-proporzjoni rimanenti ta' kwart (¼), u kwantu għat-tieni domanda tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur in linea ta' danni s-somma ta' £58.17.6d, b'riserva a favur tal-konvenut riferibilment għad-danni talvolta minnu sofferti fil-proporzjoni fuq imsemmija. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal tlett kwarti mill-konvenut u kwantu għal kwart mill-attur, ħlief dawk relativi għat-tieni perizja li, stanti li setgħet ġiet evitata kieku l-konvenut kien iżjed diliġenti fl-istruzzjoni tal-kawża, għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut.